**KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

TAS-SLIEMA

**TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

# LAQGHAT TAL-KUNSILL TAS-SEBA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 6

Is-sitt laqgħa tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema inżammet l-Erbgħa 11 ta' Lulju 2012 fis-6.42pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Silvio Zammit | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Vivienne Mary Galea Pace | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier (wasal fis-6 :55pm) |
| | Kristian Busietta | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Pierre Paul Portelli | Kunsillier |
| | Mary Camilleri | Kunsillier |
| | Nicolai Gauci | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Paul Gatt | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċjali Prinċipali |

*Qabel is-seduta l-Aġent Segretarju Eżekuttiv (aSE) informa lill-Kunsilliera li s-Segretarju Eżekuttiv Matthew Dimech se jibda jaħdem mal-Kunsill uffiċċjalment fis-27 ta' Awwissu 2012. Appella wkoll biex kemm jista jkun kulħadd jimxi skont l-agenda biex b'hekk il-laqgħa ma tieħux ħin aktar milli suppost.*

*L-aSE fakkar li l-Kunsillier Radmilli kien informa li ma kienx possibli għalih li jasal fil-ħin li ssejħet il-laqgħa.*

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti tal-laqgħa ta' qabel kienu meqjusa moqrija. Wara konsiderazzjoni l-Kunsill approva l-minuti *nem con.* *Approvazzjoni tal-minuti*

## 2. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU/KORRISPONDENZA

2.1 Is-Sindku rrimarka dwar il-van tal-ġelati li hemm Qui si Sana (in-naħa ta' TownSquare). Huwa informa li dan għandu l-permessi neċessarji bħala *hawker*. Informa wkoll li l-każ qed ikun trattat mill-avukat filwaqt li minn *Gabbani tal-ġelati.*

indaġni li saret mal-Pulizija kien stabbilit li l-gabbani l-oħra kollha msemmija fil-laqgħa ta' qabel kellhom il-permessi meħtieġa.

## 3. ĦLAS TA' KONTIJIET U APPROVAZZJONI TA' XIRI/ORDNIJIET

3.1 Il-Kunsillera Marianne Aquilina irreferiet għal-lista ta' *Purchase Orders* u rrimarkat dwar iż-żebgħa li qegħdin nixtru preżentament minn *Brincat Industrial Estates* għaliex din qegħda tmur malajr mit-toroq. Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill preżentament irid jixtru minn għandu għaliex meta kien sejjaħ għal kwotazzjoni l-Kunsill kien għażel din il-kumpanija. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li għandna nipprovaw l-ewwel nagħmlu żebgħa sewda imbagħad l-abjad fuqha. Il-Kunsilliera M. Aquilina ssuġġeriet li l-Kunsill għandu jixtri żebgħa oħra bħala prova. Il-Kunsill qabel. *Marki tat-toroq – żebgħa.*

3.2 Il-Vici Sindku informa lill-Kunsillieri preżenti li d-dokumenti tat-tender għat-tabelli u sinjali lesti u għandha toħroġ sejħa dalwaqt.

3.3 Il-Kunsilliera M. Aquilina rrimarkat dwar PO 62 fejn hemm isem 'Robert Micallef' fejn wara li ngħatat spjegazzjoni tax-xogħol li kien sar minn dan il-kuntrattur fi triq San' Neriku l-Kunsilliera Aquilina ssuġġeriet li fejn ismu jitnizzel 'kuntrattur'. Kien hemm qbil dwar dan. *Purchase Orders*

*Daħal il-Kunsillier P. Radmilli għas-seduta fis-6.55pm*

3.4 Il-Kunsilliera M. Aquilina staqsiet għaliex fil-lista tal-*purchase orders* hemm biss imniżżel *Media Link Communications* għal avviż li deher dwar laqgħa li saret dwar it-trasport pubbliku. L-a/SE ikkonferma li dan l-avviż deher fit-Times, Nazzjon u L-Orizzont. Il-Kunsillier Michael Briguglio irrimarka li idealment kull avviż jidher f'kull gazzetta lokali. Ġie nnotat li minħabba n-nuqqas ta' żmien li kien hemm deher f'dawn it-tlieta msemmija. Sadanittant l-amministrazzjoni għandha tiċċekkja fejn tniżżlu tat-*Times* u *Union Press* għaliex ġie nnotat ukoll li setgħu kienu diġa inklużi mal-lista tal-*purchase orders* tas-seduta l-oħra. *Reklamar fuq il-gazzetti.*

3.5 L-iskeda tal-pagamenti ta' din is-seduta ġiet approvata kollha b'mod unanimu. *Skeda tal-pagamenti approvati.*

## 3a. XIRI/KIRI TA' *PHOTOCOPIER*

Dan l-item ġie pospost għal seduta oħra.

3.6 Il-Kunsillier Pierre Portelli staqsa għal rendikont ta' min ħallas għall-avviżi li jkunu dehru fil-pubblikazzjoni tal-Kunsill. L-amministrazzjoni għandha tibgħat din. *Avviżi fil-publikazzjoni tal-Kunsill*

3.7 Il-Kunsillier Nicolai Gauci qal li dawn għandhom iħallsu l-avviż minn qabel ma jidher ir-reklam. L-a/SE qal li rridu nkunu prattiċi wkoll billi xi drabi ma jkunx possibli li xi wħud iħallsu bil-quddiem, anki jekk dejjem ħallsu fil-pront wara l-pubblikazzjoni.

3.8 Issemmew il-*posters* li ġew impoġġija fl-art għal riklamar tal-kunċert ta' Laura Pausini mingħajr ma intalab permess mill-Kunsill. Is-Sindku qal li hu kien diġà ltaqa' magħhom u qalilhom li m'għandu jitwaħħal xejn qabel ma jsir jaf il-Kunsill. Kien hemm qbil fil-prinċipju li dawn għandhom ikunu imwissija u possibilment immultata madanakollu l-aSE wissa li kull forma ta' azzjoni trid tittieħed skont kif tippermetti l-liġi. Meta l-a/SE irrefera għall-bye laws kien jidher li dan it-tip ta' reklamar ma jaqax taħta. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li din iżjed taqa' taħt il-*legal notice* tal-*posters* filwaqt li l-Kunsillier Busietta irrefera lill-a/SE għal Kapitolu 504/07 tal-liġijiet ta' Malta li titratta dwar regolamenti dwar reklamar. *Riklamar tal-Kunċert ta' Laura Pausini*

## 4. RAPPORTI MIS-SOTTOKUMITATI

4.1 Il-Kunsillier Pierre Portelli ressaq it-talbiet għall-permessi ta' attivijiet fejn informa li dawn ġew diskussi fis-sottokumitat taħt ir-responsabbiltà tiegħu. *Attivitajiet*

4.2 Il-Kunsillier Portelli informa li fis-sottokumitat qablu ma' tliet attivitajiet organizzati mill-MTA (Artisan Market) u għal *car show* minn Mustang Club Malta li hija b'risq Puttinu kif ukoll Fashion Show fl-4 ta' Awwissu 2012. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dawn l-attivitajiet.

4.3 Il-KunsillierPortelli informa lill-membri tal-Kunsill li kellhom diversi talbiet mill-Għaqda ta' San Girgor għall-attivitajiet relattati mal-festa ġewwa Ġnien Indipendenza. Il-problema li sab is-sottokumitat kienet li dawn kienu se jokkupaw kważi l-*weekends* kollha f'Awwissu u meta jiġu talbiet minn NGO's oħra qegħda tkun diffiċli biex isibu *weekend* vojt. Il-Kunsillier Portelli qal li r-rakkomdazzjoni tas-sottokumitat hija li l-Ġnien impossibbli jingħata lil San Girgor biss u talbu lil ta' San Girgor jikkonċedu xi dati. San Girgor ikkonċedew biss dik tat-13 ta' Lulju 2012. Ġew innotati d-dati tal-attivitijiet kollha li għandhom jew li kellhom ta' San Girgor li huma: 22-24 ta' Gunju, 13-15 ta' Lulju, 10-12 ta' Awwissu, 18 ta' Awwissu, 24-26 ta' Awwissu u l-*weekend* ta' wara l-festa. Il-Viċi Sindku qal li f-festi m'għandhomx jiġu mgħaduda. Il-Kunsillier Portelli qal li qegħdin jiġu nnotati minħabba li hemm *weekend* ieħor meħud. Il-Kunsillier Briguglio staqsa jistgħux, minflok, isiru żewġ attivitajiet. Ma kienx hemm qbil dwar dan. *Attivitajiet mill-Parroċċa/Każin San Girgor.*

4.4 Il-Kunsillier Briguglio qal li jekk hemm bżonn isiru *policies* għal min japplika. Il-Kunsilliera M. Camilleri qablet ma dan. *Policy għall-approvazzjoni ta' attivitajiet.*

4.5 Il-Kunsilliera Galea Pace qalet li l-Kunsill ma jistax jinjora lil dawk ir-residenti li joqgħodu fi Triq it-Torru quddiem il-Ġnien u li ma jaqblux ma dawn l-attivitajiet. Il-Kunsilliera Aquilina qalet li min naħa l-oħra r-residenti ma jistgħux jagħmlu l-Ġnien tagħhom u kien il-Kunsill li kellu jieħu d-deċiżjoni skont l-interessi tal-lokal kollu. *Appell biex il-Kunsill jagħti każ il-preokkupazzjonijiet tar-residenti.*

*Il-Kunsillier Kris Busietta ħareġ ftit mis-seduta fit-7.40pm*

4.6 Il-Kunsillier Portelli qal li s-sottokumitat irrakkomonda proposta biex tkun tista' titella' attività annwali li tiġi organizzata mill-Kunsill. Il-post għadu *Attività annwali tal-Kunsill.*

qiegħed jiġi diskuss u bil-ħsieb li jkun hemm *sound, stage* u anke *refreshments.*

*Il-Kunsillier K. Busietta daħal lura għas-seduta fis-7.45pm*

4.7 Il-Kunsillier Radmilli ppropona li għal din is-sena jinħarġu l-permessi mitluba inklużi dawk li talbu għal diversi dati u fl-aħħar tas-sena l-għaqdiet ikunu infurmati bil-proposti li jkun qabel magħhom il-Kunsill biex ikun jistgħu jitħejjew attivitajiet simili. *Pjan għall-attivitajiet għas-sena 2013.*

*Il-Kunsillier Nicolai Gauci ħareġ ftit mis-seduta fis-7.45pm*

4.8 Il-Kunsillier Portelli qal li r-residenti qegħdin iħossuhom mhedda minn min qiegħed jorganizza diversi attivitajiet fil-Ġnien.

*Il-Kunsillier N. Gauci daħal lura għas-seduta fis-7.50pm*

4.9 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-permessi li jingħataw għandhom jiġu ppubblikati fejn jidhru biex wieħed ikun jista jara l-kundizzjoniet li jkunu ngħataw min-naħa tal-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan. *Pubblikazzjoni tal-permessi.*

4.10 Il-Kunsill qabel li sadanittant jekk jidħlu applikazzjonijiet għall-attivitajiet oħra u jkunu reġistrati bħala NGO ikun jista' jingħatalom il-permess meħtieġ. *Permessi għal attivitajiet minn NGO's.*

4.11 Il-Kunsillier Radmilli reġa ressaq il-proposta tiegħu fejn qal li għal din id-darba jingħataw il-permessi ta' kull attivita filwaqt li sadanittant is-sottokumitat għandu jifformola regoli u proċeduri ġodda fejn fosthom jindikaw il-minimu u l-massimu ta' kemm il-darba għaqda tista' torganizza attivitajiet. Għandhom jispeċifikaw li dawk l-għaqdiet li jkunu diġà applikaw ma jistgħux jerġgħu japplikaw. Dawn il-proposti jiġu mressqa l-Kunsill sabiex tittieħed deċiżjoni. *Proċeduri għall-attivitajiet.*

4.12 Il-Kunsilliera Aquilina rrimarkat li b'din il-proposta il-Kunsill preżenti jkun qed jorbot Kunsilli ta' wara. Madanakollu kien hemm qbil li, jekk Kunsilli futuri ma jkunux jaqblu jkollhom id-dritt li jbiddlu d-deċiżjoni.

*Il-Kunsillier J. Pillow ħareġ ftit mis-seduta fit-8pm*

4.13 Il-Viċi Sindku issekonda l-proposta li għamel il-Kunsillier Radmilli (punt 4.11). Is-Sindku, il-Kunsillieri Aquilina, Galea Pace, Busietta, Briguglio, Camilleri u Gauci ivvotaw favur. Il-Kunsillier Portelli ivvota kontra b'rispett lejn id-deċiżjoni tas-sottokumitat. *Approvazzjoni tal-proposta.*

*Il-Viċi Sindku ħareġ ftit mis-seduta 8.07pm*

4.14 Il-Kunsillier Portelli reġa' fakkar li kien semma' ftit qabel biex tiġi organizzata attività annwali tal-Kunsill. L-a/SE fakkar li l-Kunsill ta' qabel kien ippropona li tiġi organizzata attività f'Ġunju li għadda wara li inkisbu *Attività annwali – skema ta' attivitajiet.*

fondi minn skema provduta mid-Dipartiment. Huwa informa li saret talba dwar jekk tistax tinbidel id-data u l-flus ikunu allokati xorta. L-a/SE issuġġerrixxa li kemm jista jkun tinżamm l-istess tema sabiex il-Kunsill ikun jista jakkwista dawn l-istess fondi. Il-Kunsillier Portelli qal li din l-attività tista' tiswa madwar €4000 u s-sottokumitat ippropona li ssir fil-11 ta' Awwissu. L-a/SE qal li din id-data hija wisq viċina minħabba li l-amministrazzjoni jkollha ssejjaħ għall-istimi neċessarji u l-proċess huwa twil. Kien hemm qbil li din l-attività ssir però aktar dettalji, inkluż dwar id-data, jingħataw aktar tard u s-sottokumitat għandu jiltaqa' biex jorganizza l-attività.

*Daħal il-Viċi Sindku fit-8.10pm*

4.15 Il-Viċi Sindku informa li s-sottokumitat taħt ir-responsabbiltà tiegħu qiegħed jiltaqa' sabiex jiddiskutu r-*residents parking scheme* (RPS). *Residents Parking Scheme.*

4.16 Il-Viċi Sindku ippropona li jitwaħħlu tabelli taħt it-Torri fejn Taormina. Ippropona wkoll li jitqabbad persuna professjan li bħal Tony Pace Gouder li kien lest li jiddisinja pjanta għall-irranġar tad-dgħajjes bla ħlas. Il-Kunsillier Briguglio saħaq fl-importanza li jitħalla aċċess u mhux ikun okkupat bil-karrozzi. *Organizzazzjoni tal-parkeġġ u dgħajjes f' Taormina.*

4.17 Il-Kunsilliera Camilleri esprimiet ruħa kontra li jsiru *parking bays* għax ma taqbilx li jinżlu karrozzi hemm isfel minħabba li jistgħu jkunu ta' periklu speċjalment għat-tfal.

4.18 Il-Viċi Sindku qal li din il-pjanta tiġi mressqa l-Kunsill imbagħad tiġi mressqa lit-TM ukoll u naraw il-proġett propost jistax isir.

4.19 Il-Kunsillier Briguglio appella li hemm bżonn jitwaħħlu żewġ tabelli mill-kbar taħt it-Torri minħabba li l-karozzi xorta qegħdin jidħlu. *Tabelli taħt it-torri.*

*Daħal il-Kunsillier J. Pillow fit-8.23pm*

4.20 Il-Viċi Sindku qal li RPS se tkun għat-toroq kollha. Il-Kunsilliera Aquilina qalet li kull triq għandha tkun ħamsin fil-mija iva u ħamsin fil-mija le. Il-Kunsillier Briguglio qabel u qal li kull triq għandha tkun bin-nofs. Il-Viċi Sindku informa li s-sottokumitat se jerġa' jiltaqa nhar it-Tlieta u min irid jista' jattendi. *Applikazzjoni tar-Residents Parking Scheme.*

4.21 Il-Kunsillier Brigulgio qal li *Cleansing Department* marru l-Exiles u qalu lil hemm ħafna *bins* imsadda u li huma jistgħu jipprovdu 'wheely bins'. Fuq proposta tiegħu l-Kunsill qabel li għandu jistaqsi lill-MSD biex jitneħħew dawn il-*bins* tal-*aluminium* jew inkella jara jistgħux jiġu mneħħiha mill-ħaddiema tal-Kunsill. *Tibdil ta' bins – Exiles.*

4.21 Il-Kunsillier Briguglio rrimarka li n-naħa tal-Exiles hemm ħafna ħmieġ tal-klieb. Kien hemm qbil li jitwaħħlu erba' 'doggie bins' oħra filwaqt li nfakkru lill-*green wardens* biex jissorveljaw il-post. *Doggie bins – Exiles.*

4.22 Kien hemm diskussjoni wkoll dwar x'jista' jsir minħabba l-biċċiet tas-sigaretti li qegħdin jintefgħu matul il-kosta.

## 5. BYE LAW DWAR IL-BBQ'S

5.1 Fir-rigward tal-Bye Laws għal BBQ il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li min jixtieq jagħmel BBQ imqar jiġu jitolbu l-Kunsill u b'hekk ikun jaf id-dettalji tagħhom. Sadanittant l-amministrazzjoni għandha tibgħat kopja tal-*bye law* li kienet ġiet diskussa mill-Kunsill ta' qabel.

*Il-Kunsilliera J. Pillow u N. Gauci ħarġu ftit mis-seduta fid-8.45PM*

## 6. ĠBIR TA' SKART FILGĦAXIJA

6.1 Il-Kunsillier Radmilli ppreżenta dokument dwar proposta għall-iskart. Huwa qal li kellu komunikazzjonijiet ma' Green MT fejn informawh li bi ħsiebhom jibdew proġett għal ġbir ta' skart tal-ħġieġ li din għalissa tkun għal elf dar bħala prova. Il-Kunsill qabel ma dan. *Skart riċiklat tal-ħġieġ.*

6.2 Fir-rigward tal-ġbir ta' skart filgħaxija l-Kunsillier Radmilli qal li sar stħarriġ f'lokalità oħra u kien stabbilit li r-residenti kienu favur din is-sistema.

6.3 Il-Kunsillier Radmilli fakkar li preżentament il-kuntratt għall-ġbir tal-iskart huwa skadut u ppropona li jekk jinħareġ wieħed ġdid il-ħinijiet għal-ġbir għandhom ikunu mis-7pm sal-10pm għaliex b'hekk ikun qiegħed idum siegħa inqas minħabba li dak il-ħin ikun hemm inqas traffiku. Fil-każ tas-Sibt il-ġbir isir filgħodu. Kien hemm qbil dwar dan fost il-Kunsillieri preżenti. *Ġbir ta' skart filgħaxija.*

*Il-Kunsilliera J. Pillow u N. Gauci daħlu lura għas-seduta fid-8.48pm*

6.4 Il-Kunsillier Radmilli ppropna wkoll li għandu jkun hemm *cut off date* eżempju l-1 ta' Ottubru li nidħlu fi ftehim sakemm issir it-transizzjoni. Kien hemm qbil dwar dan fost il-Kunsillieri preżenti.

6.5 Il-Kunsillier Radmilli qal ukoll li hemm bżonn li s-sidien tal-istabbilimenti jgħidulna min huma l-kuntratturi tagħhom u x'ħin suppost jinġabrilhom l-iskart domestiku. Dan għaliex il-kuntrattur tal-Kunsill mhux suppost jiġbor skart ta' ħwienet u l-Kunsill ikun jista jwaqqaflu l-kuntratt jekk jagħmel dan. *Kuntratturi tal-istabbilimenti.*

6.6 Il-Kunsillier Radmilli qal ukoll li l-kuntrattur il-ġdid ikun irid ibiddel il-bins tat-toroq residenzjali b'oħrajn nodfa u dawk tal-*promenade* jibqgħu jbattluhom tal-*Cleansing Department*. *Litter bins.*

6.7 Il-Kunsillier Radmilli reġa fakkar dwar l-iskema tal-ħġieġ riċiklat li l-Kunsill għadnu jipprova u staqsa minn liema żona l-Kunsill għandu jibda'. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa ż-żona ta' Tigne. Kien hemm qbil dwar dan. *Ġbir ta' ħġieġ – bidu minn Tigne.*

6.8 Il-Kunsillier Radmilli qal li hu ġie infurmat minn Green MT li huma għandhom jibgħatu ittra lir-residenti kkonċernati fejn jinfurmawhom li se

jiġu jiġbru l-*container* tal-ħġieġ fit-tali ġurnata. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill għandu jissema f'din l-ittra. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha ssir kampanja edukattiva u l-Kunsillier Portelli għandu jgħin għal dan.

6.9 Il-Kunsillier Radmilli ssuġġerixxa li l-Kunsill ikollu tip ta' *neighbourhood watch* fejn wieħed jirraporta lill-individwu li ma jkunx ħareġ l-iskart skont il-ġurnata partikolari fejn qal li flok ma' dawn jingħataw ċitazzjonijiet nibgħatu rappreżentanti ta' Wasteserv fejn ikunu jistgħu jfehmuhom dwar is-separazzjonijiet ta' kull tip ta' skart.

*Sorveljanza (neighbourhood watch) u edukazzjoni lil min ma josservax ir-regolamenti.*

## 7. IS-SITWAZZJONI TAT-TINDIF TAT-TOROQ

7.1 Il-Kunsill qabel li għandu jġib stima globali ta' reċipjenti apposta għas-sigaretti fejn dawn jitwaħħlu eventwalment matul il-*promenade*, u fejn il-każini u knejjes. Il-Kunsillier Portelli għandu jindaga dwar dan.

*Reċipjenti għas-sigaretti.*

7.2 Il-Kunsillier Briguglio qal li hemm bżonn li jitwaħħlu *bins* madwar l-iskola St Benilds. Il-Kunsillier Busietta informa li diġà twaħħlu *bins* fi Triq il-Karmnu ma' Triq il-Knisja.

*Bins madwar l-iskola.*

7.3 Is-Sindku informa lill-Kunsillieri preżenti li rappreżentanti mill-*Cleansing Department* infurmaw li, biex jikkompensaw għan-nuqqas ta' tindif minħabba nuqqas ta' ħaddiema, se jkunu qegħdin jipprovdu servizz wara nofs in-nhar ukoll. B'hekk kien mistenni li jidher kambjament.

*Servizz addizzjonali wara nofsinhar.*

*Il-Kunsillier J. Pillow ħareġ ftit mis-seduta 9.20pm*

## 8. IS-SITWAZZJONI TA' TRIQ QSS

8.1 Is-Sindku informa b'laqgħat li kienu qed isiru ma' Polidano Group. Huwa stqarr li s-sitwazzjoni kienet ftit aktar komplikata milli misteni iżda, darba jsir il-ftehim, Polidano se jkunu disponibbli biex jattwa xogħol ta' rranġar ta' toroq u anki ta' Triq QSS. Min-naħa l-oħra l-Kunsill qabel li għandu jipprepera tender ġdid ħalli appena jkun se jinbeda x-xogħol il-proċess tat-tender ikun lest. Sadanittant is-Sindku talab lil Polidano evidenza fuq ix-xogħol ta' Triq il-Kulleġġ il-Qadim.

*Laqgħat ma' Polidano Group – ħruġ ta' offerti.*

*Il-Kunsillier J. Pillow daħal lura għas-seduta fid-9.22pm*

8.2 Is-Sindku qal li hemm bżonn li jkunu rranġati wkoll it-tappieri ta' Triq it-Torri.

*Irranġar ta' tappieri Triq it-Torri.*

## 9. IMPIEG TA' SKRIVAN/A (ĦATRA TA' BORD TAL-GĦAŻLA)

9.1 L-a/SE informa li l-proċess għal dan l-impieġ beda u staqsa min se jkun fuq il-bord tal-għażla. Il-Kunsill qabel li għandu jkun l-istess wieħed li kien intgħażel għal post tas-Segretarju Eżekuttiv.

## 10. PROBLEMA TA' TRAKKIJIET FUQ IL-BANKINI

10.1 Il-Kunsill iddiskuta l-problema tat-trakkijiet li qed ikissru l-bankini. Is-Sindku semma li apparti t-tkissir tal-bankini nfushom, kienu numerużi r-residenti li qed isofru piż finanzjarju żejjed minħabba li qed jinkisrulhom it-tappieri tad-drenaġġ ta' fuq il-bankina. Bħala rimedju għalhekk issuġġerixxa li jinxtraw tappieri tal-ħadid u jitpoġġew minflok dawk tal-konkos. Il-Kunsilliera Galea Pace issuġġeriet li jitwaħħlu bollards fi Triq San Alfonsu. L-a/SE informa li l-liġi tgħid li l-bollard għandu jkun 40 ċm mit-tarf tal-bankina u fil-każ ikun hemm bżonn permess minn TM filwaqt li għandu jitħalla aċċess. *Proposta tappieri tal-ħadid u bollards.*

10.2 Il-Kunsilliera Galea Pace issuġġeriet li t-trakk tal-gass għandu jkollu van żgħir f'ċertu toroq dojoq għal Tas-Sliema. *Trakk tal-gass.*

*Il-Kunsillier Radmilli ġie skużat li jitlaq mis-seduta fid-9.34pm*

10.3 Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jsir infurzar fejn hemm tabelli ta' 'No Heavy Vehicles' għaliex it-trakkijiet xorta qed jibqgħu għaddejjin. *Tabelli No Heavy Vehicles.*

## 11. PUNTI ADDIZZJONALI

11.1 F'dan il-ħin intweriet ix-xewqa li jkunu diskussi punti addizzjonali.

11.2 Is-Sindku u l-Kunsilliera Aquilina infurmaw lill-Kunsill li kienu ltaqgħu ma' rappreżentant ta' *Mediterranean Bank* fejn offra li jagħti *sponsor.* Il-Kunsilliera Aquilina ssuġġeriet li jisponsorjaw bandla għall-persuni b'diżabilità. Kien hemm qbil dwar dan fost il-Kunsillieri preżenti u l-Kunsillier Briguglio saħaq ukoll fl-importanza li jingħata parir professjonali. *Sponsor minn Mediterranean Bank*

11.3 Is-Sindku informa li s-Sinj. Astrid Vella staqsiet dwar il-proposta tagħha li jitħawwlu tliet siġriet fit-tarf ta' Triq Għar il-Lembi magħruf bħala l-*Hole in the Wall.* Il-Kunsill qabel li għandu jkun ippreżentat disinn u pjanta qabel ma jiddeċiedi. *Proposta siġar – Hole in the Wall.*

11.4 Il-Kunsillier Briguglio informa li sar *Mobilty Report* maħdum fuq is-sitwazzjoni ta' Tas-Sliema. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' mas-Sur Gorg Debono biex eventwalment dan ir-rapport jiġi ppreżentat lil-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. *Mobility Report.*

*Il-Kunsillier K. Busietta ġie skużat li jitlaq mis-seduta fid-9.50pm*

## 12. ĦSEJJES MIL-LOGĦOB TAN-NAR

12.1 Il-Kunsill għadda biex jiddiskuti ilmenti dwar il-ħsejjes mill-ħruq tan-nar fil-Festi.

12.2 Il-Viċi Sindku saħaq li din hija l-kultura Maltija u ma jsib ebda oġġezzjoni għal dawn il-ħsejjes u l-logħob tan-nar. Il-Kunsilliera Camilleri qalet li l-murtali tat-8am aktarx huma ħsejjes żejda u għalhekk ta' min jipprova

jinsisti biex jitneħħew. Il-Kunsillier Portelli jaqbel li l-murtali jkunu f'nofs in-nhar biss flok fit-8am u filwaqt li l-flus iffrankati jiżdiedu f'nar bil-kulur ta' filgħaxija. Dan kollu għandu jiġi ssuġġeriet meta l-Kunsill eventwalment jiltaqa' mal-baned kollha.

## 12. DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

12.1 Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' nhar il-Ħamis 23 ta' Awwissu 2012 fis-6pm. Is-seduta ntemmet fl-10pm.

Minuti approvati llum 23 ta' Awwissu 2012.

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Paul Gatt**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**